MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2006

Numru 241/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Marthese Micallef**
**Spettur Roland Cassar**
v

**ROSA SAMMUT**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **ROSA SAMMUT** ta' sebgha w erbghin sena, bint John u Carmen nee Deguara, imwielda r-Rabat nhar t-tmienja ta' Marzu 1955 u residenti 'Farmhouse', Blata tal-Melh, l-Bahrija, limiti tar-Rabat, detentrici tal-karta tal-identita numru 204455M giet imressqa quddiemha akkuzata talli bejn t-tletin w il-wiehed u tletin ta' Dicembru 2002, b'diversi atti maghmulin minnha wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

1. voluntarjament hassret jew ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira maltin izda inqas minn elf lira maltin u cioe sebgha mija erbgha w erbghin lira ghad-dannu ta' Francis Borg;

2. talli voluntarjament hassret jew ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira maltin izda inqas minn hames mitt lira maltin u cioe tlett mija sitta w temin lira u tmienja w sebghin centezmu ghad-dannu ta' Carmelo u Michael Azzopardi.

3. Talli, bla hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex tezercita dritt li tippretendi li ghandha f'porzjon ta' art fil-Bahrija, gieghlet bl-awtorita taghha nnifisha, jew fixklet lil xi hadd fil-pussess ta' hwejjgu jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, ndahlet fi hwejjeg haddiehor;

4. Talli fl-erbgha ta' Frar 2003, fl-ghelieqi gewwa l-Bahrija, limiti tar-Rabat, b'diversi atti maghmulin minnha wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, voluntarjament hassret jew ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal izjed minn hames mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin u cioe hames mija sitta w ghoxrin lira u tmenin centezmu ghad-dannu ta' Francis Vassallo;

5. Talli voluntarjament hassret jew ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal izjed minn elf lira maltin u cioe elf tlett mija w erbatax il-lira maltin ghad-dannu ta' Salvatore Borg;

6. Talli bla hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex tezercita dritt li tippretendi li ghandha f'porzjon ta' art fil-Bahrija, gieghlet bl-awtorita taghha nnifisha, jew fixklet lil xi hadd fil-pussess ta'

hwejjgu jew b’xi mod iehor, kontra l-ligi, indahlet fi hwejjeg haddiehor.
Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat tnax ta’ Marzu 2003 esibit bhala dokument CSH 2 a fol 8 tal-atti, sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputata din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja.

Semghet lil imputata tiddikjara li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Settembru 2003 [fol 9].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni, lil imputata tixhed minn jeddha b’mod voluntarju.

Ezaminat d-dokumentazzjoi esibita mid-difiza.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta ta’ nhar l-hamsa ta’ Mejju 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Settembru 2003, **xehdet l-Ispettur Marthese Micallef** [fol 10] fejn qalet li bejn t-tletin u l-wiehed u tletin ta’ Dicembru 2002 kienu dahlu zewg rapporti l-ghassa r-Rabat li kienet saret xi hsara voluntarja fl-ghelieqi fil-Bahrija u waqt li dawn kienu qed jigu nvestigati, dahal rapport iehor fejn kien qed jigi allegat li certa Rosa Sammut mill-Bahrija, kienet qed taghmel dawn il-hsarat.

Qalet li waqt li PS 1330 Alexander Schembri kien sejjer fuq t-tielet rapport, sab lil imputata fuq il-post taqla s-sigar w ghalhekk din ittiehdet l-ghassa fejn rrilaxxjat stqarrija fejn cahdet l-involviment taghha u qalet li dawk l-ghelieqi mhux ta’ min qed jallega izda qeghdin registrati fuq isimha.

Mill-investigazzjoni rrizulta li fuq din l-ghalqa hemm l-Elisa Company li kienu xtraw din l-art pero l-qbiela kienet ghadha tghajjat lil imputata u huha. Ix-xhud esibiet l-istqarrija rilaxxjata mill-imputata fil-presenza ta' PC 690 Charles Pace wara li nghatat s-solita twissija liema stqarrija giet mmarkata bhala dokument MM [fol 13].

Ix-xhud spjegat li hi tkellmet mas-sidien li kienu ghamlu r-rapport li qalu li xtraw l-ghelieqi minghand Eliza Company u kienu gabulha wkoll l-istimi tal-hsarat li sofrew. Ix-xhud esibit l-istima ta' Charles Azzopardi li giet mmarkata bhala dokument MM 1 fl-ammont ta' sitta w tletin lira u tmienja w ghoxrin centezmu [fol 14] u ohra ta' Derek Garden Centre f'isem Carmelo Azzopardi li giet mmarkata bhala dokument MM 2 [fol 15]. Esibit wkoll stima ohra ta' Derek Garden Centre f'isem Frans Borg fl-ammont ta' sebgha mija erbgha w erbghin lira li giet mmarkata bhala dokument MM 3 [fol 16], stima ohra ta' Derek Garden Centre f'isem Salvu Borg fl-ammont ta' elf tlett mija w erbatax il-lira li giet mmarkata bhala dokument MM 4 [fol 17] u stima ohra f'isem Frans Vassallo fl-ammont ta' hames mija sitta w ghoxrin lira u tmenin centemzu li giet mmarkata bhala dokument MM 5 [fol 18].

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Settembru 2003, **xehed PS 690 Carmel Pace** [fol 19] fejn qal li nhar l-wiehed u tletin ta' Dicembru 2002 waqt li kien stazzjonat l-ghassa r-Rabat, xi t-tlieta w nofs ta' wara nofsinhar kien mar l-ghassa Frans Borg w ghamel rapport li xi persuni kienu ghamlulu xi hsara f'madwar mitejn sigra mhawwla fl-ghalqa tieghu maghrufa bhala l-Ponta tal-Qlejja l-Bahrija. Qal li Frans Borg kien allega li kellu suspett fl-imputata odjerna w ghalhekk baghat ghaliha fejn kienet ammettiet li kienet ghamlet xi hsara fis-sigar u li l-art in kwistjoni kienet ilha mqabbla ghandha ghal zmien twil. Ikkonferma li hu kien presenti waqt t-tehid tal-istqarrija tal-imputata wara li nghatat s-solita twissija. Fuq l-istess stqarrija dokument MM, gharaf kemm il-firma tieghu, dik tal-Ispettur kif wkoll tal-imputata.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Settembru 2003, **xehed Melosaul Balzan** [fol 21] fejn wara li ra l-erbgha stimi

esibiti bhala dokumenti MM 2, MM 3, MM 4 u MM 5 ikkonferma li dawn gew mahruga minnu ghan-nom ta' Derek Garden Centre. Ix-xhud ikkonferma l-firma tieghu fuq l-imsemmija dokumenti kif wkoll l-kontenut taghhom.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Settembru 2003, **xehed Francis Borg** [fol 23] fejn qal li hu ghandu proprjeta fl-inhawi maghrufa bhala Taht il-Qlejja l-Bahrija, limiti tar-Rabat. Qal li din il-proprjeta hu akkwistha permezz ta' kuntratt redatt quddiem in-Nutar Pierre Falzon u fil-fatt esibixxa kopja ta' dan il-kuntratt li gie mmarkat bhala dokument PS [fol 25]. Zied jghid li min mindu xtara din l-ghalqa sal-ahhar tas-sena hu kien xtara diversi sigar u hawwilhom hemm. Esibixxa l-invoice relattiva li giet mmarkata bhala dokument PS 1 [fol 28]. Qal li sussegwentement hu beda jdur bihom fis-sens li jsaqqihom u kabbarhom ghal perjodu ta' xi sena. Kompla jghid li l-ahhar darba li ghadda minn hdejn l-ghalqa in kwistjoni u ra kollox normali kien nhar t-tletin ta' Dicembru 2002. Qal li lejliet l-ewwel tas-sena jew nhar l-ewwel tas-sena kien ircieva telefonata minghand Salvu Borg li jigi kunginuh, u li ghandu proprjeta adjacenti mieghu, fejn qallu li s-sigar li kellu ma kienux ghandhom hemmhekk. Qal li immedjatament mar u dahal fl-ghalqa u ra li s-sigar ma kienux ghadhom hemmhekk w ghalhekk mar jaghmel rapport dwar l-hsara li sofra.

Illi nhar s-sebgha ta' Settembru 2005 **rega' xehed Francis Borg** [fol 122] fejn qal li hu kien xtara l-art in kwistjoni warali kien ghamel konvenju li dam fuqu tlett xhur. Qabel ma xtraha mar jara l-art. Qal li hu ma jafx li kien hemm xi problema ma xi gabillott fuq l-art. Hadd ma semmielu li kien hemm xi gabillotti li ppretendew li kellhom xi dritt ta' qbiela fuq din r-raba. Qal li s-Sur Vassallo hu persuna li xtara mieghu pero hu m'ghandux x'jaqsam mieghu.

Stqarr li sar jaf li kien hemm problema fuq il-qbiela minn dakinhar tal-kaz tieghu meta mar u sab kullimkien rovinat. Sussegwentement sar jaf li l-imputata ghandha razzett f'dawk l-inhawi dakinhar li xtara l-proprjeta. Zied jghid li

minn fejn xtara hu, r-razzett tal-imputata ma jidhirx. Qal li l-art li xtara hu ma kienetx mahduma.

Fil-perjodu tal-konvenju u wara il-kuntratt hu resaq fuq l-art in kwistjoni. Qal li l-kaz in kwistjoni gara fis-sena 2003 u hu kien xtara l-art fis-sena 2002. Zied jghid li s-sigar in kwistjoni kien xtrahom imma ma kienx hawwilhom u kien hu li sussegwentement hawwilhom u dan wara li sar il-kuntratt. Meta kien fuq konvenju kien imur fl-art in kwistjoni u hadd ma kien ikellmu.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Settembru 2003, **xehed Salvatore Borg** [fol 29] fejn qal li hu ghandu raba maghrufa bhala Taht il-Qlejja fil-Bahrija limiti tar-Rabat ma gemb dik ta' Francis Borg. Qal li hu hawwel diversi sigar fl-ghalqa tieghu u sa sena wara li kien ilhom hemm hadd ma kien mar jkellmu. Zied jghid li darba minnhom kien ircieva telefonata li kien hemm xi persuni jaqilghu s-sigar tieghu. Kompla jghid li hu mar l-ghassa u ha mieghu lil PS 1330 Alexander Schembri u baqghu sejrin l-ghalqa fejn sab is-sigar imqaccta pero ma kien hemm hadd. Qal li xi siegha w nofs wara cempillu Francis Borg u qallu li kienu tqacctu s-sigar. Qal li hu rega' mar fuq il-post, cempel lil Francis Vassallo li ghandu art ma gemb tieghu, u meta wasal fuq il-post sab lil imputata, li gharaf presenti fl-awla, tqaccat s-sigar. Qal li staqsiha ghalfejn kienet qed tqaccathom u hi qaltlu li hekk kienet ser tibqa taghmel u li jekk ried, setgha imur ghand l-pulizija. Ix-xhud kompla jghid li hu mar ghand il-pulizija u meta l-istess pulizija wasal fuq il-post, qabadha fil-fatt tqaccat s-sigar.

Illi nhar t-tnax ta' Jannar 2004, **rega' xehed Salvatore Borg** [fol 70] fejn meta gie muri d-dokument MM 4 li hija stima mahruga minn Derek Garden Centre fl-ammont ta' elf tlett mija w erbatax il-lira, ikkonferma li dak kien l-ammont ta' hsara li sofra hu. Qal li hu kien xtara l-art in kwistjoni minghand Elisa Company permezz ta' kuntratt redatt f'Mejju 2002 quddiem in-Nutar Spiteri.

Illi nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Frar 2004 **rega' xehed Salvatore Borg** [fol 75] fejn esibixxa kopja tal-kuntratt li

sar bejnu u bejn Anthony Galea datat tnejn ta’ Mejju 2002 li gie mmarkat bhala dokument Z [fol 76].

Illi nhar s-sittax ta’ Mejju 2005 **rega’ xehed Salvatore Borg** [fol 98] fejn qal li s-sigar kien zeraghhom fi Frar 2002 meta kien fuq il-konvenju. Qal li sar jaf li l-imputata toqghod hemmhekk minn dakinhar lil hawn. Qal li meta xtara l-art din kienet libera u franka minghajr bdiewa. Qal li lilu hadd ma semmielu l-isem li gie suggerit lilu u cioe Felic Sammut. Fil-fatt meta kien mar l-Ghammieri kollox dar fuq ismu u hadd ma qallu xejn. Qal li hu ma jafx kienx registrat f’isem haddiehor qabel u li hu kien mar bil-kopja tal-kuntratt u l-art giet ghandu. Qal li fuq il-kovenju dam tlett xhur. Kompla jghid li l-kuntratt li xtraw u bieghu l-Elisa Company hu qatt ma rah. Mistoqsi kemm il-darba qalghu s-sigar, ix-xhud wiegeb li din kienet l-ewwel darba.

Illi nhar t-tlieta ta’ Dicembru 2003, **xehed Carmelo Azzopardi** [fol 32] fejn qal li fl-ahhar tas-sena 2002 hu kein mar ma huh ghal xi l-ghaxra w nofs ta’ filghodu fil-Bahrija u huma u sejrin lejn l-bicca raba li ghandhom fl-inhawi, meta waaslu bdejn il-bicca ta’ ma gembhom, ra s-sigar ta’ siehbu, maqlugha. Qal li dak l-hin dar fuq huh u qallu biex imorru biex jaraw taghhom u meta dahlu fl-ghalqa taghhom sabu li wkoll kienu maqlugha bix-xbieki maqsuma u marru jaghmlu rapport. Qal li hu ma qabadx lil minn kien qala s-sigar taghhom pero meta baghatu ghalih il-pulizija kien gie nfurmat li Rosa Sammut kienet ammettiet li kienet hi li ghamlet l-hsara.

Illi nhar s-sittax ta’ Mejju 2005 **rega’ xehed Carmelo Azzopardi** [fol 96] fejn qal li huma kienu xtraw ir-raba in kwistjoni minghand l-kumpanija Elisa u li kien ghadu fuq konvenju sa dakinhar, ghalkemm dan kien gie mgedded diversi drabi. Qal li huwa ma kienx fi stat li jhallas l-loan u kien ghalhekk li ma sarx l-kuntratt. Qal li hu kien jaf li l-imputata toqghod fil-vicinanzi qabel ma ghamel il-konvenju. Qal li hu ma xtarax raba fejn toqghod l-imputata, izda ta’ Felic Sammut. Qal li Felic Sammut jigi ziju tal-imputata u ma kienx jaf li Felic Sammut kien ceda l-qbiela lil imputata. Qal li s-socjeta Elisa qatt ma qaltlu li kellha xi problema ma xi gabillotti u fil-fatt is-socjeta kienet

qaltlu li hemmhekk ma kienx hemm gabillotti. Qal li lil imputata ma jafhiex fejn xtara hu. Qal li hu kien jabita fejn toqghod hi. Zied jghid li s-sigar in kwistjoni gew imhawwla minnu bil-permess tas-sid u cioe tas-socjeta Elisa u hawwilhom xi hmistax qabel t-tletin ta' Dicembru 2002.

Illi nhar t-tlieta ta' Dicembru 2003, **xehed Anthony Cuschieri** [fol 34] fejn qal li hu direttur tal-kumpanija Elisa Company Limited u li kienu f'konvenju mas-Sinjuri Magro fuq bicca raba l-Bahrija. Qal li peress li kienu ghadhom fuq konvenju mieghu s-Sinjuri Magro, dawn talbuh permess biex ikunu jistghu jibdew jizirghu r-raba. Qal li darba minnhom mar Charlie Magro fuqu u qallu li l-imputata u huha Toni, qalghu s-sigar li kienu zerghu fl-art li kienet ghadha fuq konvenju w ghalhekk hu mar jaghmel rapport. Qal li hu fl-ebda hin ma mar fuq l-art in kwistjoni.

Illi nhar t-tlieta ta' Dicembru 2003 **rega' xehed Anthony Cuschieri** [fol 41] fejn qal li meta rrefera fix-xhieda precedenti tieghu ghal familja Magro, dan kien il-laqam taghhom u fil-fatt kunjomhom huwa Azzopardi li lihom kien biegh r-raba.

Illi nhar s-sebgha ta' Settembru 2005 **rega' xehed Anthony Cuschieri** [fol 118] fejn qal li l-art in kwistjoni li sussegwentement kienu bieghu lil familja Magro kienet originarjament imqabbla lil Felic Sammut li jigi z-ziju tal-imputata. Qal li missier l-imputata jismu Ninu Sammut. Zied jghid li huma xtraw elf hames mija w erbghin tomna. **Qal li minn din l-art, hemm sitt mitt tomna fejn hemm cedoli depositati l-Qorti u li minn dawn s-sitt mitt tomna kienu diga rrangaw mitejn. Qal li fil-kuntratt ta' bejgh in kwistjoni hemm miktub li parti minn din l-art hija mqabbla lil terzi**.

Illi nhar t-tlieta ta' Dicembru 2003, **xehed PS 428 Carmelo Debattista** [fol 36] fejn qal li nhar l-ewwel ta' Jannar 2003 Charles Azzopardi kien mar jaghmel rapport flimkien ma huh li fir-raba li kellu fuq konvenju ma Eliza Company, Tal-Maxat, limiti tal-Bahrija fit-tletin ta' Dicembru 2002 sab sebghin sigra maqlugha u mkissra. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza relattiva li giet immarkata

bhala dokument PS 2 [fol 38]. Zied jghid li Charles Azzopardi allega li kellu suspett fl-imputata u huha. Zied jghid li fit-tlieta ta’ Jannar 2003, xi d-disgha ta’ filghodu kien baghat ghal imputata u ghal huha u meta tkellem mal-imputata din qaltlu li kien minnu li qalghet s-sigar u li jekk jitkomplew jithawwlu s-sigar, hi kienet lesta li terga taqlahom. Qal li meta staqsa lil huha jekk kellux x’jaqsam f’din il-kwistjoni, hu wiegbu fin-negattiv anzi qallu li kien informa lil ohtu l-imputata biex ma tmissx s-sigar.

Illi nhar t-tlieta ta’ Dicembru 2003, **xehed PS 1330 Alexander Schembri** [fol 43] fejn qal li fl-erbgha ta’ Jannar 2003 waqt li kien fuq xoghol l-ghassa tar-Rabat, ghal xi s-seigha u nofs dahallu rapport minghand certu Borg li fl-ghalqa tieghu fil-Bahrija kien hemm persuna li kienet qed tghamillu xi hsara fis-sigar. Qal li hu mar fuq il-post u hemm sab xi tlett mitt sigara li kien ghadhom zghar, maqlugha mill-gheruq. Qal li dak l-hin ma ra lil hadd fuq il-post. Zied jghid li ghal xi l-erbgha ta’ wara nofsinhar, Salvu Borg rega’ mar u qallu li ra lill-imputata tghamilu hsara fis-sigar. Qal li hu mar fuq il-post flimkien ma WPC 1 Mary Grace Farrugia u kif wasal ra lil imputata bl-imghasqa taqta s-sigar. Qal li hu tkellem maghhom u hi qaltlu li ma kienx jimpurtaha u li jekk ser jibqghu jithawwlu sigar hemmhekk, kienet ser tibqa taqlaghhom. Qal li lilu l-imputata qaltlu li ma kienx jimpurtaha mill-kumpanija li kienet hadet r-raba ghaliex l-ghelieqi kienu tal-familja.

Illi nhar t-tlieta ta’ Dicembru 2003, **xehed Michael Azzopardi** [fol 48] fejn qal li hu u huh Charlie kiemu xtraw xi raba minghand l-kumpanija Elisa u sussegwentement waqt li kienu fuq konvenju, hawwlu xi sigar f’din r-raba li tinsab fil-limiti tal-Bahrija. Qal li dan kien fis-sena 2002. Qal li meta marru wara, sabu li dawn is-sigar kienu kollha maqlugha u x-xbieki ta’ fejn jonsbu kienu maqtugha. Qal li l-imputata dejjem tghid li dak li jaghmlu huma kienet ser taqilghu u tkissru. Ix-xhud esibixxa sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili li gew immarkati bhala dokument PS 4, sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Magistrati li giet mmarkata bhala dokument PS 5 u ohra wkoll moghtija mill-Qorti tal-Magistrati li giet mmarkata bhala dokument PS 6 [fol 50 et seq]. Ix-xhud ikkonferma

li l-istima tal-hsarat kif muri fid-dokument MM 5 sofferti minnhom fl-art in kwistjoni. Ikkonferma wkoll l-istima tal-hsarat li sofrew fix-xbieki kif murija fid-dokument MM 1.

Illi nhar s-sittax ta' Mejju 2005 **rega' xehed Michael Azzopardi** [fol 92] fejn qal li meta sar l-incident in kwistjoni huma kienu ghadhom fuq konvenju biex jixtru r-raba in kwistjoni li effwettivament xtraw fit-tletin ta' Dicembru 2002. Zied jghid li mhux l-ewwel darba li resaq fl-akwati fejn xtara ghaliex hemmhekk kien jafu sew. Qal li lil imputata jafha peress li meta kien ikun hemm kienet tmur tghajjru, pero qabel ma xtara l-post effettiv, ma kienx jafha. Fil-post li xtara kien jara lil Felic Sammut pero qal li ma kienx jaf li Felic Sammut kien ceda l-qbiela lil imputata. Kompla jghid li kien ghadu sa dakinhar fuq konvenju fuq din l-art u dan ghaliex kien ghadu ma faddalx flus bizzejjued biex jixtri w ihallas. Qal li hu ma jafx, kif gie suggerit lilu mid-difiza, li hemm xi problemi ma xi gabillotti w ghalhekk ma jistax jixtri. Qal li l-konvenju registrat u fil-fatt esibixxa kopja tieghu f'dan is-sens.

Illi nhar t-tlieta ta' Dicembru 2003, **xehed Frans Vassallo** [fol 63] fejn qal li hu ghandu xi ghelieqi l-Bahrija. Qal li darba fost l-ohrajn, kien cempillu Salvu Borg u qallu li xi hadd kien qallu li kien hemm persuna li kienet qed taqla s-sigar mir-raba taghhom w ghalhekk mar fl-ghalqa u sab lil dan Salvu Borg hemmhekk. Zied jghid li Salvu Borg tkellem mal-imputata li gharaf presenti fl-awla, u qalilha sabiex tistenna ghaliex kienu gejjin il-pulizija. Qal li sussegwentement kienu waslu l-pulizija u sabuha taqla s-sigar mill-ghalqa tieghu. Qal li l-ghalqa tieghu fil-Bahrija, tmiss ma ta' Salvu Borg. Mistoqsi jekk kienx ghamel xi stimi dwar l-hsarat li sofra, x-xhud wiegeb fl-affermattiv. Meta gie muri d-dokument esibit fl-atti mahrug minn Derek Garden Centre, ix-xhud ikkonferma li dik kienet l-istima li giet moghtija lilu.

Illi nhar t-tnax ta' Jannar 2004, **xehed PS 125 Malcolm Mifsud** [fol 66] fejn ikkonferma li hu kien kellem lil imptuata fl-ghassa tal-pulizija tar-Rabat fil-presenza ta' PC 428 Carmel Debattista u meta staqsiha dwar l-hsarat li kienu saru fl-ghalqa maghrufa bhala Tal Qlejja fil-Bahrija,

hi kienet ammettiet li dawk l-hsarat saru minhha pero qalet wkoll li l-art in kwistjoni hija proprjeta taghha.

Illi nhar t-tnax ta' Jannar 2004, **xehdet WPC 1 Mary Grace Farrugia** [fol 68] fejn qalet li bejn t-tletin w il-wiehed u tletin ta' Dicembru 2002 waqt li kienet fil-kumpanija ta' PS 1330 Alexander Schembri fl-ghelieqi tal-Bahrija, kien hemm l-imputata, li gharfet presenti fl-awla, li kienet qed taqta s-sigar ta' haddiehor. Meta staqsitha ghaliex kienet qed taghmel hekk wara li qaltilha li kien dahal rapport minn Francis Borg u Michael Azzopardi dwar dan, x-xhud wiegbet li dik il-proprjeta hija taghha u mhux ta' minn Francis Borg u Michael Azzopardi. Ix-xhud qalet li hi talbiha xi dokumentazzjoni dwar dan u l-imputata wegbitha li hi kienet ilha tahdem dik r-raba ghal zmien twil pero karti ma kellhiex.

Illi nhar t-tnax ta' Jannar 2004, **xehed John Debono** [fol 72] fejn qal li hu ghandu ghalqa taht ghalqa ta' Salvu Borg fil-limiti tal-Bahrija. Qal li hu ra ll imputata tqaccat s-sigar fl-ghalqa ta' Salvu Borg. Qal li tela fuq ghaliex fejn kien ma kellux *reception* fuq il-mobile u cempel lil Salvu Borg biex jghidlu x'kien ra. Zied jghid li hu ma kienx jaf lil imputata, li gharaf presenti fl-awla, u ra l-ewwel darba dakinhar tqaccat s-sigar ta' Salvu Borg.

Illi nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Frar 2004 **xehed Raymond Giordmaina** [fol 78] fejn qal li martu ghandha hanut tal-bejgh t'oggetti relatati mal-kacca fi Triq il-Grazzja, Haz Zebbug, maghruf bhala tan-Namra, u gieli jmur jaghtih daqqa t'id. Ix-xhud esibixxa ricevuta mahruga minnu rigwardanti ghoxrin jarda chapmat fl-ammont ta' sitta w tletin lira u tmienja w ghoxrin centezmu liema ricevuta giet mmarkata bhala dokument MM 1.

Illi nhar s-sittax ta' Mejju 2005 **xehed PS 428 Carmel Debatista** [fol 101] fejn esibixxa tlett okkorrenzi li gew immarkati bhala dokumenti PS 1, PS 2 u PS 2.

Illi nhar t-tlettax ta' Gunju 2005 **xehed Dottor Chris Cilia** [fol 110] fejn esibixxa skrittura datata tnax ta' Ottubru 2001 li saret bejn Felic Sammut u Anthony Sammut li giet

mmarkata bhala dokument Z [fol 112]. Zied jghid li Felic Sammut jigu z-ziju tal-imputata u ta' huha Anthony Sammut. Ikkonferma li din l-iskrittura saret minnu. Kompla jghid li sussegwentement saret wkoll ittra ufficjali li esibixxa bhala dokument Z 1 [fol 113].

Illi nhar l-ghoxrin ta' Frar 2006 **rega' xehed Dottor Chris Cilia** [fol 127] fejn qal li Felic Sammut kellu titolu ta' qbiela w it-territorju msemmi f'din l-iskrittura dokument Z, li tinsab fil-Bahrija limiti tar-Rabat. Qal li d-drittijiet li kellu fu din r-raba gew a favur ta' Anthony Sammut. Sussegwentement ghal din l-iskrittura kienet intbaghtet ittra ufficjali [dok Z 1 a fol 113] li tghajjat lil kumpanija Eliza li huma s-sidien originali ta' l-art in kwistjoni. Qal li apparti dan kollu kien hemm titolu ta' qbiela li tghajjat lil Anthony Sammut direttament. Zied jghid li originarjament l-qbiela kienet tithallas lil missieru, John. Ghal diversi snin konsekuttivi hu kien jiddeposita l-qbiela ghan-nom ta' Anthony Sammut taht l-awtorita tal-Qorti ghaliex il-qbiela ma kienetx qed tigi accettata mill-kunpanija Elisa. Zied jghid li ghalhekk kien jiddeposita l-qbiela l-Qorti kemm rigward r-raba baghli li kieent dejjem tghajjat lil Anthony Sammut u qabel lil missieru John, kif wkoll fil-konfront ta' dik r-raba li keient giet ceduta lilu minn Felic Sammut permezz ta' dik l-istess skrittura. Qal li dawn kienu jsiru f'zewg cedoli ta'depositu separati.

Illi nhar d-dsatax ta' April 2006 **xehdet l-imputata minn jeddha b'mod voluntarju** [fol 131] fejn qalet li l-familja taghha ilha tghix f'dawk l-akwati mill-1847. Ix-xhud esibiet certifikat tat-twelid ta' missier n-nannu taghha li jindika li twieled nhar d-disgha w ghoxrin ta' April 1847 fir-Rabat [fol 133]. Qalet li hi ghandha wiehed u hamsin sena u ilha tahdem dan t-territorju minn zmien buznannuha. Ziedet tghid li anke huma kienu jahdmua din l-art u kienu jhallsu l-qbiela lil Konti Francesco Palermo Navarro. Qalet li qatt ma qalilhom xejn u dejjem kienu rikonoxxuti meta kienu jmoru jhallsu l-qbiela. Qalet li z-ziju taghha Felic, kien dawwar il-qbiela ghal fuq huha. Qalet li hi dejjem kienet tahdem fl-ghelieqi u missierha ghadu sa llum jghid li ma jridx jersaq lil hemm minhabba d-disastru li sar. Ziedet tghid li dejjem fl-inkwiet mas-socjeta Eliza Company

Limited u ilha hekk mis-sena 1996. Qalet li huma ma kienx jafuhom u kienu joqghodu boghod minn dawn l-ghelieqi xi sebgha minuti boghod mixi. Qalet li t-territorju kollu hu maghruf bhala Blat il-Qlejja.

Ix-xhud esibiet dokument [veru kopja mehuda mill-ktieb tal-qbiela] li jidher li kienet thallas qbiela ghal perjodu 1993 sas-sena 1995 biex tindika li l-qbiela dejjem huma hallsuha u kien wara s-sena 1996 meta huma bdew bl-inkwiet mas-socjeta Eliza Company Limited li bdew jiddepositaw l-flus l-Qorti ghaliex is-socjeta ma bdietx taccetta il-qbiela. Spjegat li ma kienetx taf kif s-socjeta Eliza Company Limited qabdet u dahlet fil-proprjeta li kienet imqabbla lilhom.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti ezaminat wkoll bir-reqqa kollha l-provi dokumentarji prodotti f'dan il-kaz.

Fl-ewwel lok rat d-dokumenti markat bhala MM 1, MM 2, MM 3, MM 4 u PS 1 li huma stimi mahruga minn 'In-Namra' u 'Derek Garden Centre' f'isem diversi nies dwar prezzijiet ta' diversi tipi ta'sigar u trap mat.

Jigi rilevat li dawn l-istimi ma gew kontestati minn hadd.

Ezaminat bir-reqqa d-dokument PS [fol 25] li huwa kuntratt ta' bejgh bejn Anthony Cuschieri, Emanuel Baldacchino u Anthony Galea ghan-nom tas-socjeta Eliza Company Limited bhala venditur u Francis u Mary konjugi Borg bhala kompraturi fuq l-istess att. F'dan l-kuntratt, il-vendituri obbligaw ruhhom li jbieghu lil kompraturi accettanti porzjoni art formanti parti mill-artijiet maghrufa bhala Taht l-Irdum tal-Qlejgha fil-kontrada anonima fil-limiti tar-Rabat ta' cirka 3617.14mk versu diversi kundizzjonijiet hemm imsemmija fl-istess dokument.

Ezaminat d-dokument Z [kuntratt datat tnejn ta' Mejju 2002 – fol 76] li hu kuntratt ta' bejgh iehor bejn is-socjeta Eliza Company Limited u Salvu u Sandra konjugi Borg fejn is-socjeta Eliza Company Limited bieghet porzjon art

diviza fil-kontrada maghrufa bhala Taht l-Irdum tal-Qlejgha ta' kejl superficjali ta'cirka 3048.48mk u dan wkoll skond d-diversi kundizzjonijiet imsemmija fl-istess kuntratt. Is-socjeta Eliza Company Limited pero ddikjarat li l-art qed tinbiegh minghajr bidwi jew nassaba izda soggetta u tgawdi dritt ta' passaggi.

Ezaminat wkoll d-dokument X [fol 94] li hu konvenju iehor datat disgha w ghoxrin ta' April 2002 bejn is-socjeta Eliza Company Limited w il-konjugi Michael Azzopardi u Doreen Azzopardi u Carmelo Azzoaprdi fejn l-istess socjeta obbligat ruhha li tbiegh bicca art raba l-Bahrija kontrada tal-Blata tal-Melh imsejha Tal-Qlejja sive l-Qala ta' kejl cirka 18,547mk skond diversi kundizzjonijiet imsemmija fl-istess konvenju pero bil-pussess vakanti.

Ezaminat wkoll dokument iehor, wkoll immarkat bhala dokument Z datat tnejn ta' Ottubru 2001 [fol 112], fejn Felic Sammut iddikjara quddiem Dottor Chris Cilia li huwa ghandu l-qbiela ta'diversi porzjonijiet raba fil-kontrada Tal Planta, tal-Maxxar u l-Blata tal-Melh Bahrija li s-sid originarjament kien il-Konti Palermo Navarra u li dakinhar kienet is-socjeta Eliza Company Limited u permezz ta' din l-iskrittura ceda t-titolu tieghu fuq dawn l-istess artijiet favur Anthony Sammut.

Ezaminat wkoll l-ittra ufficjali datata tnejn ta' Ottubru 2001 [fok Z 1 a fol 113] fejn Felic Sammut innotifika lil Eliza Company Limited dwar din l-istess cessjoni.

Ezaminat wkoll d-dokument E 1 [fol 142] li huwa l-kuntratt t'akkwist datat tlettax ta' Mejju 1997 meta is-socjeta Eliza Company Limited xtrat minghand terzi elf hames mija w erbatax [1514] tumoli ta' art fil-limiti tar-Rabat versu d-diversi kondizzjonijiet hemm imsemmija. T'interess kbir, ai fini ta' din il-kawza kriminali, hu dak miktub fl-ghaxar faccata ta' dan l-kontratt u cioe li

*"Purchasers declare that all the above transferred land or the larger part thereof is let to previous persons and so the purchasers are acquiring the said land as it is let and*

*without any warranty from the others not even for any latent defects."*
Ezaminat wkoll d-dokument a fol 139 li huwa ricevuti mahruga f'isem Tony Sammut li kien qed ihallas il-qbiela fuq l-art fil-Bahrija, wara li kien ottjena l-qbiela minghand Giovanni Sammut permezz ta' cessjoni li saret bil-miktub nhar l-erbgha ta' Settembru 1994. Illi din il-qbiela tidher li giet accettata sas-sena 1995 zgur.

Ezaminat wkoll d-dokument PS 4 [fol 50] li hija sentenza moghtja mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar t-tnax ta' Lulju 2001, bejn s-socjeta Eliza Company Limited u Anthony Sammut. Rat li f'din s-sentenza, l-imputat kien baqa kontumaci u a bazi tal-provi prodotti mill-attur f'dik l-kawza, is-socjeta Eliza Company Limited, dik il-Qorti laqghet t-talba taghha w inibiet lil Anthony Sammut milli jidhol fil-proprjeta tas-socjeta Eliza Company Limited oltre li kkundannatu jhallas xi spejjes rappresentanti danni sofferti minnha mill-agir abuziv tal-istess Anthony Sammut.

Rat wkoll s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata tmienja w ghoxrin ta' Ottubru 2003, fl-ismijiet Il-Pulizija v Anthony Sammut immarkata bhala dokument PS 5 [fol 59] fejn Anthony Sammut kien misjub hati tar-reat ta' *raggion fattasi* fil-konfront tas-socjeta Eliza Company Limited.

Ezaminat wkoll d-dokument S [fol 134] li hu sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn ta' Frar 2006 fl-ismijiet Il-Pulizija v Anthony Sammut li ttrattat fuq appell li sar minn Anthony Sammut mis-sentenza moghtija mill-Qorti gtal-Magistrati nhar t-tmintax ta' Ottubru 2005 fejn l-istess Anthony Sammut kien instab hati ta' *raggion fattasi*, liema sentenza kienet giet revokata u konsegwentement illiberat minn din l-istess akkuza.

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx dubbju, skond il-**Carrara** fil-ktieb tieghu ***Programma Speciale* (vol 4 para 2850)** li sabiex jigi ppruvat r-reat ta' raggion fattasi, l-prosekuzzjoni trid tipprova l-elementi kollha ta' dan l-istess reat u cioe:

a. l-att estern li jispolja lil haddiehor minn haga lli jkun qed jgawdi u li jkun esegwit kontra l-opposizzjoni espressa jew prezunta ta' haddiehor;

b. l-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt ghalhekk r-reat jissejjah ezercizzju arbitrarju b'pretenzjonijiet u grafikament ragion fattasi;

c. il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel *di privato braccio* meta suppost li jekk kellu xi pretenzjoni fuq l-art tal-parte civile, kien imissu adixxa lil Qorti kompetenti biex jitlob legalment gustizzja tal-pretenzjoni tieghu jew [jew fi kliem il-**Crivellari** - ***Codice Penale per il-Regno d'Italia interpretato*** ecc Torino 1895, vol vi - pg. 749) - " *la persuazione di fare da se' cio che dovrebbe farsi reclamando l'opera del magistrato*" u

d. In-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt arbitrarju gravi [vide **Il-Pulizija v Salvatore Farrugia** deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fl-erbatax ta' Dicembru, 1957,*** (Vol XLI - IV –1506), **Il-Pulizija vs Carmelo Ciantar** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax ta' Novembru, 1996 u*** **Il-Pulizija v Mario Lungaro** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hmistax ta' Jannar 1996***].

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bic-car li l-imputata kellha l-pussess tal-art in kwistjoni kemm mic-cessjoni li saritilha u anke minhabba z-zmien kollu li ilha tahdem f'din l-istess art. Jirrizulta bic-car wkoll minn ezami tal-kuntratt u konvenji esibiti fl-atti li s-socjeta Eliza Company Limited ma bieghetx l-art li xtrat bl-istess kundizzjonijiet imposti fil-kuntratt originali tal-akkwist, ghaliex filwaqt li l-vendituri promoturi ddikjaraw li jafu li kien hemm terzi persuni jahdmu l-art, il-kompraturi Eliza Company Limited ma nizzlitx din l-klawsola fil-kuntratt li hija ghamlet sussegwentement ghal bejgh taghha.

Ma mhemmx dubbju anke minn ezami ta' ricevuti mehuda mill-ktieb ta' qbiela esibit a fol 139, Tony Sammut hu l-imputat li sussegwentement ceda d-drittijiet tieghu lilha

skond d-dokument Z [fol 112] li l-imputata ghandha titolu ta'qbiela fuq art maghrufa bhala Tal Planta, tal-Maxxar u l-Blata tal-Melh fil-kontrada tal-Bahrija.

Il-prosekuzzjoni fl-ebda stadju tal-provi ma ppruvat li l-art li hija mqabbla lil imputata, hija effettivament differenti minn dik li xtraw l-allegati vittmi f'din il-kawza jew ahjar minn dik mibjugha minn Eliza Company Limited.  Jidher anzi, li hija l-i.mputata li giet imxejna mit-tgawdija tal-art imqabbla lilha meta l-istess allegati vittmi f'din il-kawza qabdu u hawlu d-diversi sigar kif elenkati fid-diversi stimi esibiti minnhom.

Din il-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-kaz mhux l-imputata li trid tirrikorri quddiem il-Qorti kompetenti biex tottjeni rikonoxximent legali tat-titolu taghha jew tal-pussess taghha, imma semmai, la darba huma l-allegati vittmi li jridu jbidlu l-*istatus quo ante*, huma jridu jirrikorru ghal operat tal-*magisterium* ossia tal-Qorti kompetenti, billi jew jaghmlu kawza civili biex jigi dikjarat li l-imputata qed tokkupa r-raba *de quo* [li ghandu jigi determinat b'certezza w okkorrendo b'*site plans*] bla titolu u *ergo*, tizgombra minn hemm jew, jekk ghandha xi titolu li jista jigi kontestat, jew terminat li bih jitolbu tali terminazzjoni.

Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, jonqos zgur tnejn jekk mhux addirittura tlieta mill-elementi fuq indikati li huma rekwiziti biex jissusisti dan r-reat.

Ghal dawn r-ragunijiet, l-akkuza ta' *raggion fattasi*, ma gietx ppruvata.

Dwar l-akkuza ta' hsara voluntarja, ghaliha fil-konfront ta' diversi nies, il-Qorti ma tistax issib lil imputata hatja ta' din l-akkuza nonstante l-ammissjoni taghha stess li ghamlet tali hsara u dan ghaliex mill-provi prodotti, almenu sal-grad ta' probabblita li l-hsara saret fil-proprjeta okkupata legalment minnha cioe f'dik fejn *prima facie* hija ghandha titolu legittimu u skond l-ligi, u konsegwentement din l-akkuza lanqas ma giet ippruvata.

**Il-Qorti** ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 85, 325(b) u 325(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li ma ssibx lill-imputata ROSA SAMMUT hatja tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghha u tilliberha minnhom.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------